MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 12/2020

It-Tlieta, 28 ta' April 2020

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' b'mod *online* permezz ta' *Microsoft Teams* skont Direttiva Nru 02/2020 maħruġa mid-Dipartiment għal Gvern Lokali, fil-5.15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):
Is-Sur Daniel Cordina – Kunsillier

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sur Neville Galea – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

12.1.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsillier is-Sur Daniel Cordina kien skużat minħabba impenji personali.

## 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

12.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 11/2020 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

12.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

12.2.3 Ma kienx hemm korrezzjoni għall-minuti.

12.2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra, jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

12.3.1 Is-Sindku beda billi semma li dakinhar kien Jum iż-Żebbuġ. Hu qal li din is-sena, ħabba s-sitwazzjoni tal-pandemija COVID-19, il-Kunsill qabel li jiġu mħassra l-attivitajiet relatati. Hu nforma lil dawk preżenti li dakinhar filgħaxija kien se jieħu sehem fuq programm dwar il-lokalità u Jum iż-Żebbuġ fuq l-istazzjon XEJK mit-8.30pm il quddiem.

12.3.2 Is-Sindku tenna l-appell li għamel fil-laqgħat ta' qabel biex kemm jista' jkun jiġu osservati l-istruzzjonijiet ta' l-awtoritajiet. Hu qal li bħala raħal taż-Żebbuġ sa issa ma' hemm l-ebda każ ta' xi ħadd marid b'dan il-*virus*. Hu informa li fil-jiem ta' qabel ingħalaq ukoll l-aċċess ta' l-ispazju pubbliku li hemm faċċata l-ispiżerija fi Triq il-Wied ġewwa Marsalforn.

12.3.3 Is-Sindku rrefera għax-xogħlijiet fi Triq Għajn Mhelhel. Hu qal li fil-ġranet ġejjin il-Kunsill għandu jinforma lill-kuntrattur biex jipprepara ħalli malli jitlestew ix-xogħlijiet fuq is-sies ikompli x-xogħol fi Triq Għajn Mhelhel. Hu tenna li l-Kunsill kien miftiehem miegħu li jingħata tlett ġimgħat fuq il-kuntratt, imma rridu nifhmu li dan id-dewmien issa mhuwiex min-naħħa tiegħu. Is-Sindku ssuġġerixxa li qabel ma' jibda x-xogħol fuq Triq Għajn Mhelhel isir xogħol ta' *patching* fit-Triq is-Sagħtrija u Triq ix-Xwejni bis-*cement C25* u ramel għax dawn se jkunu toroq alternattivi waqt li Triq Għajn Mhelhel ma' tkunx aċċessibli. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li jsir dan ix-xogħol ta' *patching* kemm jista' jkun malajr.

12.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fl-aħħar ġranet ta' Ġunju se jagħlaq il-kuntratt tal-kera ta' l-uffiċċini tal-Kunsill. Hu qal li se nitkellmu mas-sid biex jerġa jiġi mġedded dan il-kuntratt u jispera bl-istess ammont ta' flus. Jekk is-sid ma jkunx kuntent bl-ammont, għalissa niffirmawh għal sena biss. Is-Sindku saħaq biex il-Kunsill jagħmel kuntatt ma' sid il-blokka biex jirranġa appuntament man-Nutar Pisani. Kien hemm qbil.

12.3.5 Is-Sindku, is-Sur Nicky Saliba informa lil dawk preżenti li l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Għassa tar-Rabat, dwar xogħol ta' manutenzjoni, *sunblasting* u żebgħa li se jagħmlu fuq il-gallarija tal-ħadid ta' l-Għassa taż-Żebbuġ. Huma talbu li l-Kunsill iħallas l-ispejjeż tal-materjal u x-xogħol isir mill-ħaddiema tal-pulizija stess. L-istima tal-materjal hi ta' madwar €371. Kien hemm qbil minn dawk preżenti biex il-Kunsill ikopri dawn l-ispejjeż.

12.3.6 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li s-Sur Ryan Debrincat talab lil Kunsill biex ma' jiġix mġedded bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, minħabba li laħaq Segretarju Eżekuttiv ġdid ta' Kunsill Lokali u jrid ikun Deputat Segretarju Eżekuttiv f'kunsill ieħor. Is-Sindku kompla li tkellem mas-Sinjura Micheline Cutajar minn ġewwa l-Kunsill stess u aċċettat li tiġi nominata għal din il-kariga. Kien hemm qbil fuq dan.

12.3.7 Is-Sindku, is-Sur Nicky Saliba tenna li issa ġej is-sajf u hemm bżonn li tittranġa l-*islipway* tal-Qbajjar. L-*islipway* tal-Menqa hi magħluqa għax qed isiru x-xogħlijiet, allura d-dgħajjes kollha qed ikunu varati f'dik tal-Qbajjar. Hu qal li wara diversi talbiet lil Ministeru, fil-ġranet li għaddew, iltaqa' fuq il-post mas-Sur Charles Spiteri. Is-Sur Spiteri qal

li din mhix xi biċċa xogħol li jistgħu jidħlu għaliha l-ħaddiema tal-Gvern. Il-ġimgħa li għaddiet il-Kunsill kellu informazzjoni li hemm applikazzjoni tal-PA minn Transport Malta bin-numru 2811/20 dwar xogħol ta' *Dismantling, reconstruction and repair works of an existing damaged slipway*. Hu saħaq li jekk se noqgħodu nistennew dan il-permess, se tgħaddi sena oħra, jiġi sajf ieħor u kulħadd ikun għadu jgerger. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel talba ta' madwar 15-jarda konkos C35 lil Ministeru għal Għawdex u l-Kunsill iqabbad tnejn min-nies biex jagħmlu x-xogħol u jikri krejn. Hu qal spejjeż kbar ma hemmx. Hu saħaq li din trid issir kemm jista' jkun malajr. Kien hemm qbil minn dawk preżenti fuq dan.

12.3.8 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba nforma lil dawk preżenti li x-xogħol fuq il-latrina tax-Xwejni miexi. Hemm kamra lesta mill-madum u mix-xogħol tal-*plumbing*. Hu qal lil dawk preżenti li min irid, jista' jgħaddi u jara x-xogħol.

12.3.9 Is-Sindku nforma lil Kunsill li t-*tender* – *Works Tender for the Restoration of Rubble Walls at Triq Tas-Sagħtrija, Żebbuġ, Gozo* reġa' ġie ppubblikat. Dan it-tender se jagħlaq fit-12 ta' Mejju 2020. Kien hemm qbil mill-membri li jintgħażlu l-membri tas-soltu biex jiffurmaw il-bord ta' l-evalwazzjoni li huma s-Sur William Sultana, Dr Joshua Grech, il-Perit Edward Scerri, s-Sur Daniel Galea u bħala segretarju, jkun is-Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil dwar dan.

12.3.10 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li l-Kunsill irċieva komunikazzjoni mill-AKL dwar introduzzjoni ta' l-*EPOS machines* ġewwa l-Kunsilli Lokali. Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għal dan is-servizz. Is-Sur Baskal Saliba ssuġġerixxa jekk hemm xi ċans li jkun hemm is-servizz ta' ħlas bir-*Revolut.* Is-Sindku wieġeb biex niċċekkjaw ma' l-AKL.

12.3.11 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li fil-ġranet li ġejjin se jinxtraw il-ħames *tablets* bl-iskema tal-Libreriji li l-Kunsill kien applika għaliha s-sena li għaddiet. Hu tenna li billi bħalissa l-iskola u l-librerija huma magħluqin, il-Kunsill għarraf lid-Dipartiment biex il-lezzjonijiet li kellhom isiru b'dawn it-*tablets* jiġu posposti.

12.3.12 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba ressaq quddiem il-Kunsill stima ta' madwar €1,600 mingħand il-kuntrattur Galea Curmi Consul. Ltd, biex isir ix-xogħol meħtieġ biex terġa tinxtgħel Triq il-Qbajjar mill-*istage* sa

quddiem il-*Qbajjar Restaurant* ġewwa Marsalforn. Dan l-aħħar, fil-kantuniera nbniet blokka appartamenti u l-arblu ta' quddiemhom nqala. Kien hemm qbil biex isiru x-xogħlijiet meħtieġa biex tinxtegħel din it-triq.

12.3.13 Is-Sindku nforma lil membri preżenti li l-Kunsill se jixtri *safety shoes* lil ħaddiema. Kien hemm qbil li lill-ħaddiema jingħataw dak kollu meħtieġ biex ikunu siguri fuq il-post tax-xogħol.

12.3.14 Issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel talba lil Ministeru biex jinżebaħ ir-*railing* fi Triq Santa Marija minn ħdejn il-latrini sa' ħdejn il-Qbajjar Restaurant. Hu qal li il-Kunsill jixtri ż-żebgħa u x-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Ministeru. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

12.3.15 Is-Sindku informa lil dawn preżenti li bħalissa l-Kunsill qed jirċievi diversi talbiet għal *photocoping* ta' xogħol relatat ma' l-iskola. Hu qal li l-Kunsill mhux qed iżomm flus. Hu saħaq li biex ma' jkunx hemm ħafna nies fl-uffiċċju, l-Kunsill talab li dawn jintbgħatu b'email. Is-Sinjura Sandra Grech issuġġeriet jistgħux dawk minn Marsalforn jiġbruhom mill-uffiċċju tal-FSWS. Is-Sindku wieġeb biex nagħmlu talba lil Dr Joe Vella Gauci, noffrulhom il-karti u jipprintjawhom hemm. Kien hemm qbil li bħalissa l-Kunsill joffri dan is-servizz b'xejn lir-residenti u nagħmlu talba lil Dr Joe Vella Gauci ħabba r-residenti ta' Marsalforn.

12.3.16 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex il-Kunsill ikun jista' japplika għas-servizz ta' *Internet Banking* mal-BOV. Is-Sindku ssuġġerrixxa li l-Kunsill għandu japplika għal dan is-servizz tal-bank. Kien hemm qbil mill-membri preżenti.

12.3.17 Is-Sindku tenna bil-qawwa biex il-Kunsill jibda' juża l-flus li għandu tal-fond tal-UIF. Hu saħaq li għaddew is-snin u proġetti b'dawn il-flus ma sar xejn. Bħala Kunsill, bil-qagħda finanzjarja li jinsab fiha, ma jistax jagħmel proġetti. Talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex sa' laqgħa oħra almenu joħorġu t-tenders bħal tal-*Playingfield* taż-Żebbuġ u xi *tenders* oħrajn fuq Marsalforn. Jekk ma jseħħx dan, mhux se jersaq għal-laqgħa oħra. Kunsill preċedenti kien qabel biex minn dawn il-fondi, ġewwa Marsalforn, isiru d-dwal dekorattivi fi Triq Għar Qawqla, fi Triq id-Duluri, fi Triq il-Wied, jittranġa l-belveder fl-aħħar parti ta' Triq

Santa Marija u jinbidel r-*railing* ta' Triq Santa Marija. Hu ssuġġerixxa li ma' dawn ninkludu bdil tar-*railing* ta' Għar Qawqla u installazzjoni ta' fanali dekorattivi ġodda fi Triq il-Qolla s-Safra, quddiem l-appartamenti ta' l-*Atlantis*, biex b'hekk il-Kunsill isolvi l-problema ta' nuqqas ta' dawl. Kien hemm qbil. Hu qal li issa li ġie ffirmat t-tender tax-xogħlijiet fuq pavimentar, fuq direzzjoni tal-Perit tal-Kunsill, il-belveder ta' Triq Santa Marija u l-art tal-*playingfield* taż-Żebbuġ jistgħu jsiru minn dan it-tender. Il-Viċi Sindku staqsiet fuq il-lista' tal-bankini li hemm pendenti. Is-Sindku wieġeb, naraw x'bankini hemm u nibdew naħdmu fuqhom. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

12.3.18 Is-Sindku ssuġġerixxa biex nerġgħu nibgħatu talba lil Transport Malta fuq id-*dragon sign* ta' Triq Għajn Mhelhel u fuq dik fil-bidu tar-raħal. Kien hemm qbil.

12.3.19 Is-Sindku informa lil dawk preżenti, li waqt ix-xogħlijiet li qegħdin isiru fuq is-sies, mhux qed ikun hemm gwardjani lokali jidderieġu t-traffiku. Talab biex ninfurmaw lil Ministeru għal Għawdex bil-miktub. Is-Sur Baskal Saliba qal qed ikun hemm ħaddiem minn tal-kumpanija jieħu ħsieb it-traffiku u xi drabi l-*high-up* qed ikun fuq aktar min-nofs it-triq.

## 12.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

12.4.1 Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini ressqet dawn il-punti:

- Talbet biex issir talba lil Ministeru għal Għawdex sabiex titnaddaf l-alka fil-bajjiet ġewwa Marsalforn. Is-Sur Baskal Saliba qal li kien ġa ressaq din talba. Is-Sindku wieġeb biex nerġgħu nibgħatu talba lil Ministeru. Il-Viċi Sindku talbet ukoll biex infakkru lil Ministeru biex iwaħħlu l-bankijiet bħas-soltu. Kien hemm qbil fuq dan.
- Issuġġeriet li fid-dawl tal-*Covid-19*, il-bankijiet pubbliċi jiġu ssiġġillati tajjeb mill-*plastic* sabiex il-pubbliku ma' jagħmilx użu minnhom. Hi tenniet li rridu nżommu f'moħħna li minħabba t-temp sabiħ li qed jagħmel, u n-nuqqas ta' tixrid tal-virus, in-nies qed tixba d-dar speċjalment fil-*weekends*. Kien hemm qbil bejn dawk preżenti li l-bankijiet ġewwa Marsalforn jiġu ssiġillati.
- Issuġġeriet biex jerġa jsir ssiġillar tajjeb tal-*playingfields* tal-Qbajjar u Marsalforn għax it-*tape* tqatta' jew qattugħ apposta.

Kien hemm qbil fuq dan.

- Issuġġeriet li nwaħħlu tabelli apposta biex persuni li jiffrekwentaw żoni ta' għawm iżommu d-distanza ta' żewġ metri. Kien hemm qbil biex jitwaħħlu dawn it-tabelli.
- Infurmat lil dawk preżenti li ġibdula l-attenzjoni rigward żvilupp f'art ODZ li l-Kunsill kien ġa appella għalih u l-PA aċċettat l-appell. Hi tenniet li milli jidher reġa' hemm applikazzjoni ġdida – PA 2452/20. Hi temmen li l-posizzjoni tal-Kunsill għal din l-applikazzjoni għandha tkun l-istess bħal qabel u għalhekk f'isem ir-residenti għandna nerġgħu noġġezzjonaw sal-15 ta' Mejju. Din l-applikazzjoni se tkompli tnaqqar mill-kampanja u thedded il-karatteristika tar-raħal. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien ġa nefaq ħafna flus u appella d-deċiżjoni u ntrebħet. Hu ssuġġerixxa li noġġezzjonaw għal din l-applikazzjoni imma billi l-Kunsill għadu bl-istess deċiżjoni m'għandux għalfejn jerġa' jħallas. Il-Kunsill kien kontra u għadu kontra dan it-tip ta' żvilupp. Is-Sur Baskal Saliba tenna li l-Kunsill irid joqgħod attent u jaħseb għal quddiem jekk ikun hemm każijiet simili. Kien hemm qbil biex ninfurmaw lil Perit tal-Kunsill, li l-Kunsill għadu bl-istess deċiżjoni.
- Staqsiet meta se jerġa jsir iffumigar fil-lokalita' tagħna. Is-Sindku wieġeb biex nistaqsu lid-Dipartiment ta' Eko Għawdex biex jinforma lil Kunsill.

12.4.2 Il-Kunsilliera s-Sinjura Sandra Grech ressqet dawn il-punti:

- Għamlet talba biex isiru *double yellow lines* quddiem residenza fi Triq il-Qolla l-Bajda, Marsalforn. Karozzi qed jipparkjaw quddiem din ir-residenza u qegħdin jagħlqu l-aċċess. Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu talba lil Transport Malta. Kien hemm qbil li tintbgħat talba lil Transport Malta.
- Talbet biex isir żbir ta' siġar f'dik iż-żona fi Triq il-Qolla l-Bajda. Is-Sindku wieġeb biex nagħmlu talba lil Ministeru billi hemm hekk jaqa' taħt il-Ministeru għal Għawdex. Kien hemm qbil.
- Talbet biex jitnaddaf passaġġ fi Triq ir-Rabat, faċċata ta' l-*Ivory Suite*. Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu lill-ħaddiema jnaddfu u jaqtgħu l-ħaxix f'dan il-passaġġ. Kien hemm qbil.
- Ilmentat li qed ikun hemm ħafna ħmieġ ħdejn l-iskips fi Triq Manwel Magro, Marsalforn. Is-Sur Baskal Saliba staqsa kemm hemm skips, u hi wieġbet li hemm tnejn u dejjem imballati.

Issuġġeriet li jsiru xi *cameras*. Is-Sindku tenna li din tista' tkun ta' għajnuna ukoll għall-inħawi u l-istudenti ta' BARTS. Kien hemm qbil li jinġabu l-istejjem meħtieġa u naraw minn hemm.

- Infurmat li l-ilma fi Triq il-Qbajjar għadu ħiereġ. Staqsiet x'intbagħtet tagħmel l-ittra bl-avukat jekk sa issa għadu ma sar xejn. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din l-ittra intbagħtet lil diversi dipartimenti fosthom l-Ombudsman li hu ukoll qed isegwi l-każ. Hu qal li sa issa għadna ma rċivejnix risposta mingħand l-Water Services. Is-Sindku ssuġġerixxa biex inkellmu lil Avukat tal-Kunsill fuq ir-risposta tal-*Water Services.* Kien hemm qbil.
- Tenniet li qed tirċievi diversi ilmenti fuq ir-*railing* li hemm imkisser fi Triq il-Wied. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għamel kemm il-talba lil Ministeru għal Għawdex. Talab li nerġgħu nkellmu lil Ministeru għal Għawdex. Kien hemm qbil.
- Infurmat li l-papri fi Triq il-Wied reġgħu bla ilma. Hi qalet li għandha informazzjoni li l-ilma li qed jintefa', qed jisirquh xi bdiewa. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk hemm xi *bore hole* fil-viċin. Is-Sindku wieġeb ma jafx jekk hemmx, imma xorta tkun diffiċli biex jittella l-ilma.
- Irringrazzjat lil Ministeru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri tax-xogħol li qed isir ġewwa Marsalforn. Issuġġeriet biex il-Kunsill jitlob lil Ministeru biex isir *major patching* ġewwa Marsalforn speċjalment fi Triq il-Qbajjar u Triq Santa Marija. Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu talba lil Ministeru u jekk ma jagħtunix risposta, il-Kunsill jidħol fi spiża kbira u jagħmel ix-xogħol hu. Is-Sindku nsista u għamilha ċara li l-ispiża se tkun kbira. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill għamel diversi talbiet fuq dawn it-toroq lil Ministeru għal Għawdex. Enfasizza li rridu noqgħodu attenti għall-finanzi tal-Kunsill. Jekk ma jagħtunix risposta, s-Sindku ssuġġerrixxa naraw il-kontijiet ta' Triq Għajn Mhelhel u naraw x'jifdal. Kien hemm qbil.
- Talbet aġġornament fuq il-*gazebos* tal-promenade. Is-Sindku wieġeb li x-xogħol fuqhom se jsir mid-Dipartiment ta' Eko Għawdex.
- Infurmat li hemm xi tiġieġ maħrubin ġewwa Marsalforn. Is-Sindku wieġeb biex nagħmlu kuntatt ma' ta' l-*Animal Welfare*.
- Talbet aġġornament fuq iz-*zebra crossing* fi Triq il-Qbajjar. Is-Sindku wieġeb li meta kien tkellem mas-Sur Franco Buhagiar,

dan ta' l-aħħar fehem ħażin il-posizzjoni ta' fejn kienet proposta. Hu qal li kien hemm kuntatt mas-Sur Buhagiar u se jitkellmu ma' Dr Deborah Camilleri ta' Transport Malta.

- Issuġġeriet biex ħdejn l-ATM tal-BOV fi Triq il-Port isir *bin* biex in-nies ma' jħammġux bi slips u karti l-art. Is-Sindku wieġeb li l-aħjar isir fuq barra. Kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat talba lil BOV.

12.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:

- Talab biex kif qegħdin isiru x-xogħlijiet fuq is-sies fi Triq iż-Żebbuġ nagħmlu talba lil Ministeru biex jitnaddaf ukoll il-passaġġ magħruf t'Abram. Kien hemm qbil.
- Irraporta li l-bozza li kien talab fi Triq Ponta għadha mitfiha. Is-Sindku wieġeb biex nitkellmu mal-kuntrattur u l-Enemalta biex tinxtgħel malajr kemm jista' jkun.
- Informa li hemm il-bozza ta' taħt il-monument ta' Pjazza l-Assunta fiż-Żebbuġ mitfiha. Is-Sindku wieġeb biex nirrapurtawha lil kuntrattur.
- Issuġġerixxa biex jitwaħħlu tabelli mas-shelters li hemm int u tiela' ż-Żebbuġ. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ġa għandu tabelli għal hemm. Qal biex wara li jsiru x-xogħlijiet jitwaħħlu.

## 12.5 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

12.5.1 Ċirkulari AKL 2020/027 – Għeluq tal-Playingfields. Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.2 Korrispondenza mingħand is-Sur Y. Magro - GAGF – GAGF, GAG2 & GAG3. Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.3 Korrispondenza GAGF – *EU Smart Villages* Initiative. Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.4 Ċirkulari AKL 2020/028 – Ħlas ta' kirjiet dovuti lill-Awtorita' tad-Djar u lill-Awtorita' tal-Artijiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.5 Ċirkulari AKL 2020/029 – Proġett għall-Anzjani fuq il-Pjattaforma - *Yousafe*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.6 Ċirkulari AKL 2020/030 – Informazzjoni dwar il-COVID-19 b'lingwi differenti – UNHCR b'kollaborazzjoni mal-YouSafe. Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.7 Ċirkulari AKL 2020/031 – Ħaddiema mal-Kuntratturi ta' ġbir ta' skart u ndafa pubblika li ġejjin miċ-Ċentru Miftuħ ta' Ħal-Far. Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.8 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea - *ATTN: LIFE Calls for proposals 2020 & List of LIFE Applications Calls 2020 with respective priorities and deadlines*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.9 Korrispondenza Uffiċċju Kultura MGOZ – *Gozo – Unity in Creativity – Stedina/Invitation.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.10 Ċirkulari AKL 2020/32 - Tnedija tal-ewwel sejħa - Proġett *EUCF Webinar* Għada 7 t' April. Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.11 Ċirkulari AKL 2020/33 - *ALDATalk#5 on Intercultural Dialogue - Register now!* Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.12 Korrispondenza DLG – *Sports Initiatives*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.13 Ċirkulari SPI/2/2020 - Ċertifikazzjoni għal *Cat Feeders* b'rabta mal-COVID-19. Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.14 Korrispondenza mingħand is-Sur M. Xerri - Kompetizzjoni - Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.15 Ċirkulari AKL 2020/034 – *Invitation – Meeting with members (Greece/Portugal/Spain/Malta) – COVID-19 Crisis Managmement.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.16 Ċirkulari AKL 2020/035 – EPOS Machines. Il-Kunsill innota l-kontenut u qabel li l-Kunsill japplika għal din l-inizjattiva.

12.5.17 Korrispondenza mingħand ir-Reġjun Għawdex - Servizzi anċillari offruti mill-FSWS Gozo Branch Operations matul il-pandemija tal-

Covid-19 u s-sitwazzjoni preżenti. Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.18 Ċirkulari Is-Sur D. Grasso – *EU Funding Opportunites for Gozitan Local Councils.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.19 Korrispondenza Uffiċċju Kultura MGOZ – *Gozo – Unity in Creativity – Stedina/Invitation.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.20 Korrispondenza mill-Uffiċċju Kultura, Għawdex – *Gozo Alive – Stedina.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.21 Korrispondenza Uffiċċju Kultura MGOZ – *Gozo – Unity in Creativity – Mid-Dinja tal-Artist/From the Artist's World.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.22 Korrispondenza Uffiċċju Kultura MGOZ – *Gozo – Unity in Creativity –* Kantalna Waħda/*Sing us a Song.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.23 Ċirkulari AKL 2020/024 – *LIFE Calls for proposals 2020.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.24 Ċirkulari AKL 2020/036 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru 31. Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.25 Korrispondenza – *Europe Direct Information Centre – Thinkaton Online Challenge! Deadline Extension!* Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.26 Ċirkulari AKL 2020/037 – BOV – Depożitu ta' muniti mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.27 Ċirkulari AKL 2020/038 – Lista ta' NGOs/VOs fil-lokalitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.28 Ċirkulari AKL 2020/040 – Stqarrija – Radam ta' skart ta' kostruzzjoni. Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.29 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Gatt – ANSEK – Għall-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttivi, Sindki, Viċi-Sindki u Kunsillieri. Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.30 Ċirkulari AKL 2020/041 – *Courses 2020/2021* – Fakulta' għat-Tisħiħ tas-Soċjeta'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.31 Korrispondenza MCCFF – *Mother's Day 10th May, cake and flowers sale in aid of MCCFF.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.32 Ċirkulari AKL 2020/042 – *COVID-19 Awareness Campaign - Commission for Gender Based Violence and Domestic Violence.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.33 Ċirkulari AKL 2020/043 – COVID-19 u l-Attivitajiet iffinanzjati mill-fondi tal-LESA. Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.34 Ċirkulari AKL 2020/044 – Applikazzjoni għall-*Internet Banking – BOV Board resolution.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

12.5.35 Applikazzjonijiet għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- *Maria Homoki obo Jumpmalta – Bouncy Castles & other Children entertainment* ġewwa Marsalforn – 27 ta' Ġunju 2020 – 27 ta' Settembru 2020

Il-Kunsill qabel li għalissa ma jinħareġ l-ebda permess ta' divertiment, anke skond il-miżuri li nħarġu mill-Awtoritajiet.

12.5.36 Ilment Nru. 24/2020 – A. Muscat
Talab biex jerġgħu jitpoġġew l-iskips fi Triq Dun Karm Cachia minħabba l-fatt li familji Maltin qed joħorġu l-borża s-sewda mill-Ħadd filgħaxija, u qed jitqattgħu mill-qtates. Ma kinx hemm qbil li jerġgħu jitpoġġew *skips* f'dik iż-żona.

12.5.37 Ilment Nru. 25/2020 – P. Buhagiar
Titlob biex isiru *dogbins* fi Triq ix-Xwejni (ħdejn is-*salt pans*). Ma kienx hemm qbil minn dawk preżenti.

12.5.38 Ilment Nru. 26/2020 – R. Zammit, Andrew Saliba, Joseph Portelli & Louis Zahra
Talba konġunta biex titwessa l-bankina fuq in-naħħa tax-xellug fi Pjazza l-Assunta. Is-Sindku wieġeb li importanti li r-residenti jiġu kkuntattjati biex ħadd ma jintlaqat ħażin. Hu tenna li importanti ukoll ma jintilfux *parkings*. Talbu ukoll li ssir trinka taħt il-bankina biex il-

*cables* tad-dawl jinqalgħu minn mal-faċċata u jgħaddi kollox minn taħt l-art, anke jekk hemm bżonn iħallsu għal din it-trinka huma personalment. Hu nforma li snin ilu, meta saret il-Pjazza, l-Kunsill ta' dakinhar kien qabel biex ma titwessax il-bankina għax ma kienx hemm ħafna ħwienet. Illum hawn aktar ħwienet. Hu talab u ddikjara biex jirtira mid-deċiżjoni biex ma' jkunx hemm kunflitt ta' interess billi hemm familjari mdaħħlin u hu wkoll *partner* ma' J. Portelli. Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħmel talba lil Perit tal-Kunsill biex jara x'permessi kien hemm u biex jsiru l-pjanti meħtieġa. Qabel ma' tintbagħat talba lil Transport Malta, dawn il-pjanti jiġu għad-diskussjoni fuq il-mejda tal-kamra tal-Kunsill.

12.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 10/2020 għall-perjodu bejn it-21 ta' Marzu 2020 u l-21 ta' April 2020 li tammonta għal €34,689.70 ġiet approvata u ffirmata.

12.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għal-Ħamis 28 ta' Mejju 2020 fil-5.15 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ħamis 28 ta' Mejju 2020.

Nicky Saliba
Sindku

Neville Galea
Segretarju Eżekuttiv